DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

Rotta 2

IT-TIELET SENA | MALTI | ĦIN: SAGĦTEJN

Isem: ______________________________ Klassi: ____________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F(i) | F(ii) | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 9 | 21 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

# IL-BAJJIET, L-INDAFA, U T-TURIŻMU

Is-sajf wasal u l-bajjiet tagħna jerġgħu jimtlew bil-Maltin u t-turisti li jiġu jgawdu l-baħar sabiħ tagħna. It-turisti li jiġu Malta jfaħħruna għal ħafna affarijiet: it-temp sabiħ, l-ikel tajjeb, kemm għandna lukandi sbieħ, u kemm aħna dħulin. (*par.* 1)

Iżda meta jiġu biex jgħidu x'ma għoġobhomx, kważi kollha jgħidu li jdejjaqhom il-ħmieġ u l-iskart li jsibu, speċjalment fil-bajjiet tagħna matul is-sajf. (*par.* 2)



L-Awtorità Maltija tat-Turiżmu kienet nidiet kampanja pubbliċitarja li fiha personalitajiet lokali ħeġġew lill-pubbliku biex ikunu prudenti fil-bajjiet u ma jdejqux lil ħaddieħor, kemm fl-imġiba kif ukoll fl-indafa, billi ma jħallux skart warajhom. (*par.* 3)

Kulħadd għandu jkun jaf li parti kbira tal-Maltin jaqilgħu l-għajxien tagħhom direttament jew indirettament mill-madwar miljun turist li jżurna kull sena b'mod speċjali fis-sajf. (*par.* 4)

Ilkoll kemm aħna nistgħu nagħmlu l-parti tagħna biex ikollna bajjiet aktar nodfa u attraenti. L-ewwelnett billi narmu l-iskart fir-reċipjenti li jkun hemm, u t-tieni, billi nħeġġu lil kulmin nafu biex hu wkoll jieħu ħsieb il-bajjiet tagħna. (*par.* 5)

U dan mhux biss għat-turisti. It-turisti jiġu għal ftit jiem u jmorru lura lejn pajjiżhom, iżda l-bajjiet nodfa ngawduhom aħna l-Maltin matul is-sena kollha, speċjalment fl-istaġun tas-sajf. (*par.* 6)

(Addattata minn kitba tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu)

**A. FEHIM IT – TEST** (10 marki)

1. Min jimla l-bajjiet tagħna fis-sajf?

_______________________________________________________________ (1)

2. Semmi żewġ affarijiet li t-turisti li jiġu Malta jfaħħruna għalihom.

___________________________________________________________________________

_________________________________________________________________________ (2)

3. X'idejjaqhom l-aktar lit-turisti?

_________________________________________________________________________ (1)

4. Minn fejn jaqilgħu l-għajxien tagħhom il-biċċa l-kbira tal-Maltin?

_________________________________________________________________________ (1)

5. X'nistgħu nagħmlu biex inżommu l-bajjiet tagħna aktar nodfa u attraenti?

___________________________________________________________________________

_________________________________________________________________________ (2)

6. Min igawdihom il-bajjiet nodfa?

_________________________________________________________________________ (1)

7. Ikteb żewġ suġġerimenti li jistgħu jgħinu biex inżommu lil pajjiżna aktar nadif.

___________________________________________________________________________

_________________________________________________________________________ (2)

## B. GĦARFIEN IL – LINGWA (20 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

1. Il-kelma **jimtlew** (*par. 1*) qiegħda tirreferi:

(a) għall-Maltin ______; (b) għat-turisti ______; (ċ) għall-bajjiet ______. (1)

2. Iżda meta jiġu jgħidu x'ma għoġob***homx*** ...... (*par. 2*)

Għal min qiegħed jirreferi l-pronom mehmuż ***homx*** fil-kelma għoġob***homx***?

_________________________________________________________________ (1)

3. Il-frażi ***b'mod speċjali fis-sajf*** (*par. 4)* turi li t-turisti jiġu:

(a) matul is-sena kollha ______; (b) l-iktar fix-xitwa ______; (ċ) l-iktar fis-sajf ______. (1)

4. Flok il-kelma **attraenti** (*par.* 5) nistgħu niktbu l-kelma __________________________ (1)

**(ii) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

5. Imla l-vojt**: eż.** Kellhom ħwejjiġhom (r-d-m) **mirduma** taħt il-ħerba.

(a) Malta kienet ġiet (q-t-għ) ________________________ għalkollox mill-bqija tad-dinja. (1)

(b) Il-poplu tal-gżejjer tagħna kien (n-k-t) __________________________ . (1)

(ċ) Id-dinja kienet tħares (b-k-m) _______________________ fuq din il-ħerba. (1)

6. Imla l-vojt b'numri miktuba fi kliem:

(a) Denise għandha (12) ______________________ sena. (1)

(b) Ġie l- (1) _____________________________ fl-eżami. (1)

(ċ) In-numru tal-karozza hu (18) _____________________. (1)

7. Mill-verb **wasal** (*par.* 1) noħorġu n-nom verbali ***wasla.***

Oħroġ nom verbali minn **telaq**: _______________ u minn **ħareġ**: _______________ (2)

8. Imla skont l-għerq mogħti wara l-ispazju.

Il-bajjiet ____________ (n-d-f) ngawduhom aħna l-Maltin matul is-sena kollha speċjalment fl-istaġun tas- ______________________ (s-j-f). (2)

**(iii) LESSIKU / VOKABULARJU**

9a. Il-kelma **dħulin** tfisser:

(a) minn tagħna _____; (b) mill-aħjar _____ ; (ċ) suppervi _____. (1)

9b. Kelma mill-ħames paragrafu li tfisser **kontenituri** hi: _________________________ (1)

**SINTASSI / SENTENZI**

10. Għaqqad dawn iż-żewġ sentenzi mingħajr ma tuża l-konġunzjoni **u**.

It-turisti jiġu għal ftit jiem. Imorru lura lejn pajjiżhom.

_______________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________ (2)

11. L-Awtorità Maltija tat-Turiżmu kienet nidiet kampanja pubbliċitarja.... (*par.* 3). Ikteb din is-sentenza fi kliemek.

_______________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________ (2)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (4 marki)

1. Fisser l-idjomi b'sing taħthom

(a) Il-pulizija **ta daqqa t'id** lit-turist biex itella' l-bagalji fuq il-karozza tal-linja.

______________________________________________________________________ (1)

(b) Malli niżel fil-bajja u sab dawk in-nies kollha madwaru ħass ruħu **bħal ħuta barra mill-ilma.**

______________________________________________________________________ (1)

2. Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tat-turiżmu jkollna naċċettawhom it-tnejn. Il-Malti jgħid:

***Min jiekol il-laħma*** ____________________________________________________ (2)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

Agħżel waħda minn (a) u (b) u ikteb madwar **50 kelma.**

(a) L-Aġenzija *Vjaġġi Veri* se torganizza ġita ta' ħamest ijiem f'Londra. Min imur se jkollu opportunità jżur ħafna postijiet sbieħ f'din il-belt. Ikteb ***riklam*** għal din il-ġita. Tinsiex issemmi l-ġranet tal-ġita, il-prezz, xi postijiet li se jżuru dawk li se jmorru u informazzjoni utli oħra.

**JEW**

(b) Ġew xi kuġini tiegħek mill-Awstralja u talbuk teħodhom iżuru xi postijiet ta' interess li juru l-istorja u l-kultura ta' pajjiżna. Irrakkonta x'ġara dakinhar.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## E. TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI (8 marki)

Ikteb madwar **50 kelma** dwar xi wieħed mis-suġġetti li fittixt dwaru għall-proġett ***Idea ta' Lingwa.***

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

## F. LETTERATURA (30 marka)

(i) **Nadriet 3**

1. Aqra din il-poeżija ta' **Ġorġ Borġ** u wieġeb il-mistoqsijiet ta' taħt:

**Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti**

Għall-bejjiegħ
tal-gazzetti fuq Kastilja
min ma jixtrix
ma jeżistix.

Iżda
hu għandu ommu d-dar
u għalkemm gazzetti ma tixtrix
u ma taqrax,
għax ma tarax,
għalih hi kollox
u biha
id-dinja ma taqax.



(a) Il-karattru ewlieni tal-poeżija huwa _______________________ (1)

(b) Id-dar huwa għandu lil ________________________________ li ma tixtrix gazzetti għax hi ________________ ___________________________________________. (2)

(ċ) Il-poeżija fiha l-vers (i) endekasillabu ______ ; (ii) ħieles ______ ; (iii) settenarju ______. (1)

2. Agħżel **waħda** minn dawn il-poeżiji f'**Aktar Nadriet: (*Fis-Skiet, Raqdet il-Belt, Iż-Żgħożija, Fjura tas-Sur, Ħabbata*)** u ikteb il-ħsieb tagħha f'madwar **20 kelma.**

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

_________________________________________________________________________ (5)

**(ii) A. Stejjer għal Qabel Jidlam ta' Oliver Friggieri** (6 marki)

1. Fil-ġrajja **It-Tifel tal-Baħar,** Bertu kellu ______________________ (ħuh, oħtu, żewġ ħutu) u kienu jgħixu qrib il- _____________________________ (bosk, baħar, belt).

2. F'**Ix-Xemx fuq it-Tieqa,** meta Oskar għalaq il-kamra fid-dlam, l- ______________________ (irjieħ, iħirsa, ixjuħ) nefħu biex fetħu t-tieqa ħalli d-dawl tax- _____________________________ (xemgħa, xemx, xewqa) ikun jista' jerġa' jidħol fil-kamra.

3. F'**L-Ewwel Telefonata,** Kostanzu u Filomena kienu rebħu _____________________________ (telefon, radju, televixin) fil-fiera tal- ____________________________________ (kappillan, knisja, iskola)

**B. Jinqabad bid-Drogi – Sedqa** (8 marki)

Agħżel **storja waħda** minn (a) *Ċinzja* (b) *Ngħix bl-Imħabba tal-Biċċiet* (ċ) *Monologu: l-aħħar waqtiet ta' Simon ir-Raggae,* u ikteb **4 sentenzi** fuqha.

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

## Ċ. Stejjer taċ-Ċarrut (7 marki)

Ikteb madwar **30 kelma** fuq il-ġrajja ta' **waħda** minn dawn il-kitbiet: ***Għeluq Snin Luca; Willie; Jitkellem James Grech; L-Iskuter; It-Twajjeb; Lil Sladjan.***

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **250 kelma** fuq karta separata.

1. Għaliex inħobb il-vaganzi tas-sajf.
2. Film li rajt dan l-aħħar.
3. It-televixin huwa ħela ta' ħin? Inti x'taħseb?
4. Ġrajja li qatt ma ninsa.
5. L-importanza tal-isports.